**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 302/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

**I.** ILLI l-kontendenti zzewwgu nhar it-3 ta' Dicembru 1988 - skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala **DOK: A** - u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, li llum huma lkoll maggiorenni;

**II.** ILLI permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-30 ta' Gunju 2005 - li kopja legali taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK: B** - giet dikjarata u ppronunzjata s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan taht id-disposizzjonijiet kollha hemm imfissra;

**III.** ILLI l-kontendenti ilhom ma jghixux flimkien sa minn qabel bdiet il-kawza, fl-1999, li wasslet ghas-sentenza hawn fuq imsemmija, u ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

**IV.** ILLI l-esponent minn dejjem hallas il-manteniment kollu li kien dovut minnu, skond id-disposizzjonijiet kollha tas-sentenza msemmija, b'mod regolari u puntwali, u llum il-gurnata l-ebda manteniment ma ghadu dovut minnu skond id-disposizzjonijiet tal-istess sentenza billi l-ulied minuri tal-kontendenti huma lkoll maggiorenni, u billi l-konvenuta, skond l-istess sentenza, giet dikjarata li ddekadiet mid-dritt illi tirceivi manteniment minghand l-esponent, u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti f'dan ir-rigward bejn il-kontendenti;

**V.** ILLI, ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponent, il-kondizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma gja' separati permezz tas-sentenza hawn fuq imsemmija, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

**I.** TIPPRONUNZJA, a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hall taz-zwieg tat-3 ta' Dicembru 1988 ta' bejn il-kontendenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

**II.** TORDNA, a tenur tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), lir-Registratur tal-Qorti sabiex, f'dak iz-zmien li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awwissu, 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.